MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2014

Numru. 833/2012

**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**SPETTUR JAMES GRECH**

**VS**

**VINCENT ABELA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Vincent Abela iben Paul u Maria Dolores nee` Zerafa, imwieled Pieta nhar id-19 ta' Lulju, 1974 u li joqghod nru. 16, Triq Dun Guzepp Vella, Qormi, detentur tal-karta tal-identita` nmru 348574(M).

Talli;

F'Malta, matul ix-xahar ta'Awissu, 2011 u/jew wara:

1) Xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg, cioe` gojjellerija li tiswa iktar minn €2329.37, liema gojjellerija kienet misruqa, mehuda b`qerq jew akkwistata b`reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b`kull mod li jkun, indahal biex ibieghha jew imexxiha;

2) Kiser il-provedimenti ta` l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, Att Dwar il-Probation, li kien gie impost fuqu permezz ta` sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.) nhar it-3 ta` Mejju 2011, liema sentenza saret definittiva;

3) Ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artiokli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta` diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Awwissu, 2011, xi malviventi kienu dahlu f jisirqu minn hanut tad-deheb fil-Belt, u hadu b' madwar hames mitt elf Ewro f'oggetti prezzjuzi. Wiehed minn dawn il-malviventi, Carmel Hartley, sussegwentement kien gie arrestat mill-Pulizija, u fl-istqarrija tieghu, apparti li ammetta l-involviment tieghu, stqarr li kien biegh is-sehem tieghu minn din is-serqa lill-imputat. Ghalhekk il-Pulizija investigat lil Vincent Abela, sid ta' negozju maghruf bhala Pajsu Auto Dealer, u ttiehdu zewg stqarrijiet tieghu, wahda fis-27 ta' Gunju 2012, u l-ohra fl-20 ta' Lulju, 2012. Fl-ewwel stqarrija kien innega li qatt iltaqa' jew li kien jaf lil Hartley, izda fit-tieni stqarrija ammetta li kien xtara xi deheb minn ghandu. Ghalhekk, il-Pulizija ressqet lill-imputat b'akkuzi ta' ricettazzjoni, u ttiehdu dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti, irrisulta li x-xhud ewlieni kontra Abela huwa Carmel Hartley, wiehed mill-persuni li dahlu jisirqu mill-hanut Pjazza Traders, proprjeta' ta' Alfred Borg, li deher f'dawn il-proceduri bhala parti leza. Hartley qal li s-sehem tieghu f' din is-serqa kienet ta' hamsa w hamsin ilf Ewro, u lill-imputat kien bieghlu s-sehem kollu tieghu ghall-prezz ta' tlett elef u sitt mitt Ewro. Dawn kien bieghhom f'darbtejn li mar ghandu. Din, in sustanza hija x-xiehda ta' Hartley, li mad-daqqa t'ghajn tinkrimina lil Abela. Izda, minn esami ta' x'jghid Hartley sew fid-darbtejn li xehed, kif ukoll meta mqabbel mal-istqarrija tieghu esebita a fol. 148 et seq tal-process, johorgu diskrepanzi li jnaqqsu mill-kredibilita' tieghu b'mod konsiderevoli.

Fl-ewwel lok, hu jghid li s-sehem tieghu minn din is-serqa kien ta' diversi oggetti li jiswew hamsa w hamsin elf Ewro. Jekk it-total tas-serqa kien ta' hames mitt elf Ewro, u l-malviventi li dahlu jisirqu kienu tlieta biss, allura s-sehem tieghu kellu jkun hafna izjed. Il-figura ta' hamsa w hamsin elf Ewro johrog biha hum inn jeddu, u ma giet prodotta ebda prova li tikkonferma dan. Izjed minn hekk, izda, fl-istqarrija tieghu, hu jghid li ghand l-imputat mar l-ghada tas-serqa bis-sehem tieghu kollu, halli jbieghu lill-imputat, u dan wara li kien cempel lill-istess imputat u qallu li kellu xi deheb tal-familja ghall-bejgh. Fix-xiehda tieghu quddiem din il-Qorti, izda, hu qal li ma marx mal-ewwel ghand Abela. Qal li mar wara ftit zmien, minghajr ma ha xejn mieghu, u staqsieh kienx lest jixtri xi deheb tal-familja tieghu, ghax kellu bzonn il-flus. Rega' mar ghandu t-tieni darba u bieghlu xi oggetti. Din il-verzjoni hi kompletament differenti minn dik moghtija fl-istqarrija tieghu. Assolutament mhux kredibbli Hartley meta tirrisulta diskrepanza daqshekk cara bejn verzjoni

u ohra. Fl-ewwel verzjoni, dik tal-istqarrija, a fol. 151 tal-process, donnu jaghti x'jifhem li b'semplici telefonata kien ftiehem mal-imputat biex ibieghlu s-sehem tieghu kollu, bhal qisu kienu jafu lil xulxin sew, tant li ftehemu mal-ewwel bejniethom. Fix-xiehda tieghu, jaghti impressjoni li lill-imputat ma kienx jafu daqshekk tajjeb, u l-ewwel imur ghandu l-hanut tal-karozzi, u mbaghad jistaqsih jekk setax jixtri xi deheb, u mbaghad jurih dan id-deheb u jbieghu. Dan id-dettall mhuwiex wiehed insinjifikanti. Anzi, fil-fehma tal-Qorti dan id-dettall huwa determinanti ferm, u juri li f'xi stadju Hartley ma qalx il-verita', jew fl-istqarrija jew fix-xiehda tieghu quddiem din il-Qorti.

Inoltre, hemm dubju serju dwar x'biegh ezatt Hartley lill-imputat. Li Abela xtara xi deheb minn ghandu mhux kontestat. Xi xtara ezatt, izda, baqa mhux indikat car. Hartley jindika l-bicciet ta' deheb u gojjellerija wahda wahda quddiem din il-Qorti, izda hawn tirrisulta diskrepanza ohra bejn dak li xehed viva voce quddiem din il-Qorti u dak li qal fl-istqarrija. Meta xehed quddiem din il-Qorti, a fol. 33 tal-process, ighid li s-sehem tieghu kien ta' bejn seba' u ghaxart icrieket, cappetta u xi zewg gizirajjen. Fl-istqarrija tieghu, ighid li sehemu kien jikkonsisti ukoll f'zewg stilel u hames labar tad-deheb. Apparti minn hekk, fl-istqarrija jghid ukoll li Abela kien ilmenta mieghu li kien hallsu izjed milli suppost fl-ewwel darba li bieghlu xi oggetti, haga li nesa fix-xiehda tieghu quddiem din il-Qorti. Di fatti, l-istqarrija fiha aktar dettalji mix-xiehda tieghu, u ta' min wiehed jinnota li din l-istqarrija kienet giet rilaxxjata minnu fid-29 ta' Gunju, 2012, fl-istess zmien li kien qed jigi nterrogat l-imputat odjern.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li, bix-xiehda ta' Hartley, ma hemmx provi konkreti kontra l-imputat. Jibqa' dubju serju jekk l-imputat xtarax mid-deheb misruq jew le. Hemm wisq diskrepanzi bejn dak li jghid Hartley fl-istqarrija tieghu u dak li jixhed viva voce quddiem din il-Qorti. Jekk tiskarta x-xiehda tieghu, jibqa' biss l-istqarrijiet tal-imputat u x-xiehda tieghu stess in difesa, fejn jammetti li xtara deheb minn ghand Hartley izda jinnega li dak id-deheb kien jifforma parti minn dik is-serqa. Hija hafna aktar verosimili l-verzjoni li jaghti l-imputat minn dik li jaghti Hartley.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 23, 23B, 121D, 31, 49, 50, 334, 279, 533 tal-Kapitolu 9 u Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imputat hat ital-akkuzi migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant tilliberah minn kull htija u piena.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portatat tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------